**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Rikors Numru 260/2021 NC**

**Fl-Atti tar-Rikors ippreżentat fid-29 ta' Ottubru 2021 in segwitu tal-Ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 187/2021 fl-ismijiet:**

**Samantha Mifsud f'isimha proprju u f'isem bintha minuri Amber ta' tmien snin**

**vs.**

**Joseph Mifsud**

**Digriet kamerali mogħti llum, it-Tnejn 22 ta' Novembru 2021**

Il-Qorti,

Reġgħet rat ir-Rikors tar-rikorrenti Joseph Mifsud u Kevin Mifsud ippreżentat fid-29 ta'Ottubru 2021 fejn talbu lil din il-Qorti s-segwenti:

*"Għaldaqstant, fl-isfond tas-suespost, l-esponenti jitlob bir-rispett sabiex din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*1. Tordna r-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru fl-ismijiet premessi in parte fil-konfront tal-akkonti konġunti ċitati li l-esponenti Joseph Mifsud u Kevin Mifsud għandhom flimkien, u dan għab-bażi tal-Artikolu 836 (1)(f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Tikkundanna lis-sekwestranta sabiex tħallas penali lill-esponenti ta' mhux anqas minn €1,164.69 u mhux iżjed minn €6,988.12 u dan għab-bażi tal-Artikolu 836 (8)(b)(ċ) u/jew (d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*3. Tikkundanna lis-sekwestranta sabiex tħallas lill-esponenti dawk id-danni li l-esponenti ġarrab u qed iġarrab bil-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru u dan ai termini tal-Artikolu 836(9) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*4. Mingħajr preġudizzju għall-permess u f'każ li t-tielet u r-raba' talba ma jintlaqgħux, tordna lis-sekwestranta sabiex, fi żmien stabbilit mill-Qorti, tagħti garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi mposta u ta' danni u imgħax; u fin-nuqqas li tagħti din il-garanzija, tordna li jitneħħa l-Mandat ta' Sekwestru fl-ismijiet premessi in parte fil-konfront tal-akkonti konġunti li l-esponenti Joseph Mifsud u Kevin Mifsud għandhom flimkien, u dan ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Bl-ispejjeż tal-Mandat ta' Sekwestru, tar-rikors odjern u tal-Kontromandat relattiv kontra s-sekwestranta".*

Rat id-Digriet tagħha tad-29 ta' Ottubru 2021 fejn il-Qorti ordnat notifika tar-Rikors lill-intimata u li ġiet mogħtija żmien sebat (7) ijiem min-notifika sabiex tippreżenta Nota li jkun fiha s-sottomissjonijiet kollha li tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li tixtieq tippreżenta.

Rat ir-Risposta tal-intimata s-sekwestranta Samantha Mifsud pro et noe ppreżentata fit-8 ta' Novembru 2021 fejn oġġezzjonat għat-talbiet hekk kif kontenuti fir-Rikors promutur.

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan ir-Rikors.

Rat l-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 187/2021 fl-ismijiet **Samantha Mifsud f'isimha proprju u f'isem bintha minuri Amber ta' tmien snin vs. Joseph Mifsud**.

**Ikkunsidrat**

Illi, qabel mal-Qorti tibda tagħmel il-konsiderazzjoni tagħha fir-rigward tar-Rikors odjern, tinnota li filwaqt li s-sekwestrat fil-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju *de quo* huwa wieħed mir-rikorrenti tar-Rikors odjern *ossia* Joseph Mifsud, ir-Rikors odjern ġie pprezentat minnu u minn dak li jingħad huwa ħuh, ċioé Kevin Mifsud.

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta illi:

- ir-rikorrent is-sekwestrat Joseph Mifsud u l-intimata s-sekwestranta Samantha Mifsud għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni personali;

- ir-rikorrenti Joseph Mifsud u Kevin Mifsud jingħad li huma aħwa u jingħad ukoll li jaħdmu flimkien bħala bennejja;

- ir-rikorrenti Mifsud jingħad li għandhom kontijiet bankarji in komuni li ġew sekwestrati bil-mandat in kwistjoni u li l-mandat qed ikun ta' xkiel għall-ħidma tagħhom.

Da parte tagħha, l-intimata Samantha Mifsud issotni li ma kinitx taf bl-eżistenza tal-kontijiet bankarji hawn fuq imsemmija u li meta wieħed jallega li qed jsofri danni huwa għandu jipprova li qed isofri dawn id-danni. Hija ssostni wkoll li l-elementi rikjesti sabiex tirnexxi azzjoni taħt Artikolu 836(1)(f)tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta'Malta huma nieqsa.

**Ikkunsidrat**

Illi, kif ingħad diversi drabi fi proċeduri simili bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Għalhekk, mhuwiex meħtieġ li f'dan l-istadju l-Qorti tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-mandat.

Illi *di fatti* fil-provvediment mogħti fid-29 ta' Lulju 2005 fil-proċeduri **Fl-Atti tal-Mandat Kawtelatorju bin-Numru 494/2005 maħruġ fil-21 ta' Marzu 2005 fl-ismijiet Therese Mangion Galea vs. Desmond Stanley Stewart** (Rikors Numru 336/2005) il-Qorti qalet:

> "Qabel xejn, għandu jingħad li dak li l-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv."

Illi l-Qorti sejra tgħaddi issa sabiex teżamina t-talbiet tar-rikorrenti Joseph Mifsud u Kevin Mifsud.

**<u>L-Ewwel (1) Talba</u>**
**<u>(Revoka *in parte* tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju)</u>**:
Illi f'din l-ewwel talba r-rikorrenti Mifsud jitolbu li jiġi mħassar u revokat *in parte* il-Mandat ta' Sekwestru in kwistjoni fil-konfront tal-kontijiet bankarji li huma jżommu b'mod konġunt u din it-talba qed issir a bażi ta' Artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

<u>Artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta</u>
<u>(Jintwera li fiċ-ċirkostanzi mhuwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli)</u>:
Illi sabiex isostnu l-argumenti tagħhom taħt dan is-sub-artikolu, ir-rikorrenti Mifsud jgħidu li qed jkollhom diffikulta' sabiex jagħmlu n-negozju tagħhom *stante* li ħadd ma jaċċetta flus kontanti. Huma

jitolbu wkoll li għal ta' lanqas għandhom jinżammu biss nofs il-flus li hemm f'dawn il-kontijiet.

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad fi provvediment mogħti fil-21 ta' Diċembru 2012 fil-proċeduri **Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1255/12 fl-ismijiet: C & F Building Contractors Limited (C 15308) vs. Alfred Baldacchino Limited (C10418)** (Rikors Numru 945/2012) fejn il-Qorti qalet:

> "Din id-dispożizzjoni timplika li, **wara l-ħruġ tal-Mandat**, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ[1]. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ;
>
> Illi madankollu, taħt din id-dispożizzjoni wkoll, jidher li l-bdil li għalih japplika dak is-subinċiż irid ikun wieħed li jolqot iċ-ċirkostanzi ta' bejn il-partijiet. Jekk isseħħ ċirkostanza bejn xi waħda mill-partijiet u terzi, l-effetti tal-Mandat m'għandhomx jolqtu lill-parti l-oħra, l-iżjed jekk din tkun il-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-Mandat b'ħarsien ta' jedd pretiż."

Illi l-Qorti, filwaqt li tinnota li r-rikorrenti ma ressqu l-ebda prova sabiex isostnu l-argumenti tagħhom, tinnota wkoll li lanqas ma tressqet prova li l-kontijiet in kwistjoni huma fil-verita' kontijiet konġunti. Artikolu 836(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jeżiġi li persuna li tagħmel Rikors skont Artikolu 836(1) <u>għandha</u>, flimkien mar-Rikors, tippreżenta bil-miktub is-sottomissjonijiet kollha li tkun trid tagħmel <u>flimkien</u> mad-dokumenti <u>kollha</u> li jsostnu t-talba li tkun trid tippreżenta. M'hemmx għalfejn jingħad li din id-diċitura ma saritx b'mod kapriċċuż iżda għax il-leġislatur

[1] Ara P.A. GC 3.8.2001 fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet **Dr. Tonio Fenech noe vs. Dr. Patrick Spiteri et noe et**.

ried li l-Qorti jkollha f'idejha l-għodda neċessarja sabiex tkun tista' tesprimi ġudizzju sew.

Illi Artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ġie interpretat b'mod restrittiv mill-Qrati tagħna. Il-Qorti tifhem li l-parti mill-paragrafu (f) li qed jorbtu fuqha r-rikorrenti hija li *"fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li dan jinżamm fis-seħħ jew parti minnu"*. Il-Qorti mhijiex tal-fehma li r-revoka ta' parti mill-mandat sabiex tkopri biss nofs il-kontijiet hija soluzzjoni fattibbli u dana tenut kont tal-fatt li l-interpretazzjoni kostanti mogħtija lil din il-kawżali mill-Qrati tagħna hija li jrid jkun hemm bdil f'xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ f'dan ir-rigward.

Illi, minbarra dan, anke fir-rigward ta' l-argument miġjub mir-rikorrenti Joseph Mifsud u Kevin Mifsud fejn jgħidu li qed isibuha diffiċli jaħdmu minħabba li ħadd ma jaċetta flus kontanti, il-Qorti mhijix konvinta minn dak li qed jgħidu u dana minħabba li ma tressqet l-ebda prova in sostenn tiegħu.

Illi, fuq l-iskorta tat-tagħlim tal-Qrati tagħna, il-Qorti ma tarax li hemm xi bidla fiċ-ċirkostanzi li tista' twassal għal bżonn ta' revoka tal-mandat in kwistjoni, lanqas in parte. B'hekk isegwi li fejn it-talba għar-revoka tal-mandat tar-rikorrenti Joseph u Kevin Mifsud hija msejsa fuq Artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din ser tiġi miċħuda.

**<u>It-Tieni (2) Talba</u>**
**<u>(Ħlas ta' penali)</u>:**
Illi f'din it-talba r-rikorrenti jitolbu li sekwestranta *ossia* intimata Samantha Mifsud tħallas penali lilhom u dana għab-bażi tal-Artikolu 836(8)(b)(ċ) u/jew (d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali hija sanzjoni fakoltattiva. Huwa fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tgħabbi lil min ikun ħareġ mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Irid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Iċ-ċirkostanzi msemmija fil-liġi f'dan ir-rigward huma

erbgħa u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi.[2]

Artikolu 836(8)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta:
Illi wara li l-Qorti qabblet dak li jingħad fir-Rikors promotur ma' dak li hemm indikat f'Artikolu 836(8)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jirriżultalha li fir-Rikors promutur tagħhom ir-rikorrenti Joseph u Kevin Mifsud lanqas ressqu argument jew ilment li kien hemm xi nuqqas hekk kif ipprovdut f'dan is-sub-artikolu.

Artikolu 836(8)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta:
Illi l-argument mressaq fil-paragrafu preċedenti japplika *mutatis mutandis* għas-sub-artikolu in eżami.

Artikolu 836(8)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta:
Illi dan is-sub-artikolu jistabbilixxi li jkun mistħoqq li tiġi mposta penali jekk il-mandat jinħareġ fuq talba li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja. Il-Qorti ma tantx ser taħli wisq ħin fuq dan is-sub-artikolu u dana *stante* li, tenut kont ta' dak li ngħad aktar-il fuq, peress li l-Qorti ser tiċħad it-talba għal revoka tal-Mandat ta' Sekwestru *de quo*, b'hekk il-Qorti ma jirriżultalhiex li l-mandat sar b'malizja u li t-talba għall-ħruġ kienet frivola jew vessatorja.

Illi jsegwi għalhekk li l-Qorti ma ssibx li anqas it-tieni talba hekk kif kontenuta fir-Rikors promutur għandha tiġi milqugħa.

**It-Tielet (3) Talba**
**(Ħlas ta' danni)**:
Illi r-rikorrenti Joseph Mifsud u Kevin Mifsud jitolbu li sekwestranta *ossia* intimata Samantha Mifsud tiġi kkundannata tħallas id-danni li ġew imġarrba u qed jiġu mġarrba bil-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru u dana *ai termini* ta' Artikolu 836(9) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad fil-provvediment mogħti fit-12 ta' Settembru 2019 fil-proċeduri **Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ**

[2] Ara provvediment mogħti fit-12 ta' Settembru 2019 fil-proċeduri **Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 964/2019 fl-ismijiet Dr. Henri Mizzi pro et noe vs. Jebmed Srl**.

**ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 964/2019 fl-ismijiet Dr. Henri Mizzi pro et noe vs. Jebmed Srl**, fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet is-segwenti:

> "Illi dwar il-kwestjoni tal-kundanna għall-ħlas tad-danni, l-Qorti ma jidhrilhiex li talba bħal din għandha tintlaqa' bil-mod kif saret. Hija l-fehma sħiħa tagħha li talba bħal din tista' ssir biss b'azzjoni ġdida għaliha (illum il-ġurnata permezz ta' Rikors Maħluf) u mhux fil-qafas ta' rikors għat-tħassir ta' mandat kawtelatorju. Kemm hu hekk, sa ma fl-2005 saru l-bidliet fil-liġi tal-proċedura u fl-atti li bihom jitressqu l-kawżi, l-Artikolu 836(9) kien jirreferi għal "ċitazzjoni". Bil-bidla korrispondenti li saret bl-imsemmija emendi, dan ifisser li r-"rikors" li għalih illum jirreferi l-Artikolu 836(9) irid ikun fis-sura tar-Rikors Maħluf maħsub fl-Artikolu 156 tal-Kodiċi, li m'għandu x'jaqsam xejn mar-rikors imressaq mir-rikorrenti eżekutati f'dan il-każ".

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li t-talba għall-kundanna tad-danni taħt l-Artikolu 836(9) hija irritwali għall-finijiet tal-Artikolu 164(1) tal-Kodiċi.

**Ir-Raba' (4) Talba**
**(Garanzija xierqa):**

Illi f'din it-talba r-rikorrenti Mifsud qed jitolbu għall-impożizzjoni ta' garanzija xierqa fuq is-sekwestranta *ai termini* tal-Artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Bħala parenteżi, il-Qorti tikkunsidra bħala *lapsus calami* meta fir-raba' talba jingħad hekk: *"Mingħajr preġudizzju għall-premess u f'każ li t-tielet u r-raba' talba ma jintlaqgħux"* [emfażi miżjuda].

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għall-provvediment mogħti fil-21 ta' Diċembru 2012 **Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1655/12 fl-ismijiet Edward Vella vs. Charles Deguara** (Rikors Numru 1111/2012) fejn ingħad hekk:

"Illi dwar il-kwestjoni tal-għoti tal-garanzija mill-intimat eżekutant, l-eżekutat ma jagħti l-ebda raġuni għaliex il-Qorti għandha tilqa' t-talba tiegħu. Jidher li joqgħod fuq l-istess żewġ argumenti li fuqhom bena t-talbiet tiegħu għat-tħassir tal-Mandat;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li r-rimedju tal-għoti tal-garanzija huwa alternattiv għat-talba tat-tħassir tal-mandat, u anzi jista' jingħata biss jekk kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri sakemm il-mandat ikun b'xi mod għadu fis-seħħ[3]. Li kieku ma kienx hekk, l-aħħar erba' kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddaħħlu fil-liġi għalxejn;

Illi minbarra dan il-liġi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu.[4] Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni;

Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju[5], u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni. Minbarra dan, jidher li fejn persuna ntwera li kellha raġunijiet tajba biex toħroġ mandat kawtelatorju u l-istess mandat la kien eċċessiv, la fieragħ u lanqas vessatorju, għaldaqstant ma jitnisslux raġunijiet la għall-kundanna għall-ħlas ta' penali u lanqas għad-danni[6] minħabba l-istess mandat."

---

[3] Ara P.A. RCP 30.5.2002 fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet **Joseph Demicoli vs. Coleiro General Supplies Ltd**.
[4] Ara P.A. TM 4.10.2002 fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet **Paul Caruana vs. Rudolphe Gaerty**.
[5] Ara P.A. GC 2.3.2001 fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet **Avukat Vincent Falzon noe vs. Alex Sullivan**.
[6] Ara P.A. TM 18.9.2002 fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet **John Zarb vs. Port Cottonera Ltd**.

Illi l-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad fil-provvediment fl-ismijiet **Dr. Henri Mizzi pro et noe vs. Jebmed Srl** li diġa sar riferenza għalih aktar-il fuq, fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet is-segwenti:

> "Illi dwar it-talba tar-rikorrenti eżekutata għall-għoti ta' garanzija irid jingħad li l-liġi trid li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ ll-mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-ħtija kif imfissra fl-Artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili.
>
> Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-Artikolu taħt eżami huma dawk li l-eżekutat jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju u bħala konsegwenza ta' tali ħruġ, u dment li jikkonkorru l-elementi mitlub mil-liġi għal tali likwidazzjoni.
>
> Illi l-ammont tal-garanzija li jrid jiġi ffissat irid iżomm bilanċ xieraq bejn il-jedd li persuna tressaq att kawtelatorju u biex tħares il-pretensjonijiet tagħha f'kawża pendenti, u l-effett li tali att iħalli fuq il-persuna li kontra tagħha jinħareġ dak il-mandat. Ta' min jgħid hawnhekk li l-ordni biex tingħata garanzija mhijiex l-istess bħal kundanna ta' penali jew kundanna għall-ħlas ta' danni: l-għan waħdieni tagħha huwa li tqiegħed lill-parti eżekutata f'qagħda li, meta u jekk tintemm proċedura jew kawża għal dan il-għan, issib assi li fuqhom tkun tista' teżegwixxi deċiżjoni favorevoli għaliha".

Illi l-Qorti taqbel ma' dak hawn fuq ċitat u tagħmlu tagħha. Fil-każ odjern ir-rikorrenti ma tawx kawża ġusta sabiex il-Qorti jkollha għalfejn timponi garanzija *ai termini* tal-Artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. *Di fatti*, wara li l-Qorti qieset il-pożizzjoni tal-partijiet, tikkonkludi illi r-rikorrenti ma rnexxilhomx iġibu

prova ta' *"raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti"* illi jistgħu jikkostitwixxu *"kawża ġusta"* illi a bażi tagħha l-Qorti għandha tordna illi titħallas garanzija. Għalhekk, il-Qorti ser tiċħad ukoll ir-raba' talba tar-rikorrenti.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti Joseph Mifsud u Kevin Misud hekk kif kontenuti fir-Rikors promutur.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu mir-rikorrenti Joseph Mifsud u Kevin Mifsud

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**